

Brussell, 16 ta' Settembru 2024
(OR. en, es)

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0186(COD)

13264/24
ADD 2

CODEC 1786
AVIATION 111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni minn Spanja

Spanja tqis li huwa essenzjali li jsir progress biex jinkiseb Ajru Uniku Ewropew, strument ewlieni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali tal-avjazzjoni, titjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ispazju tal-ajru u jitrawmu l-konnettività u l-iżvilupp ekonomiku.

Filwaqt li tirrikonoxxi li t-test legali li ntlaħaq qbil dwaru mill-Kunsill u l-Parlament jintroduċi xi titjib għas-sitwazzjoni attwali, Spanja temmen li ntilfet l-opportunità li jinkiseb qafas legali u istituzzjonali aktar ambizzjuż li huwa aktar konformi mal-oġġettivi tar-riforma regolatorja u l-ħtiġijiet tal-avjazzjoni tal-UE. Għaldaqstant, Spanja ser tastjena milli tivvota dwar din il-leġislazzjoni.

Madankollu, Spanja ttenni l-impenn tagħha li taħdem flimkien mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni biex jiġi żviluppat u implimentat it-test legali li għadu kif ġie approvat u biex tiegħu kull opportunità għal titjib li jista' joffri.

Dikjarazzjoni mill-Irlanda u l-Finlandja

L-Irlanda u l-Finlandja jixtiequ jirringrazzjaw lill-Istati Membri sħabna u lill-Kummissjoni talli laħqu ftehim dwar dan il-fajl. Dan kien proċess ta' negozjati twal u diffiċli, u mhuwiex sigriet li ninsabu ddiżappuntati bin-nuqqas ta' ambizzjoni fit-test finali bħalma jinsabu ħafna oħrajn fis-settur tal-avjazzjoni.

Madankollu, il-fehma tagħna hija li issa li ntlaħaq ftehim, għandna nimxu biex nadottaw il-leġiżlazzjoni malajr kemm jista' jkun. Dan jippermetti lill-Istati Membri u lill-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali tagħhom, lill-Kummissjoni u lill-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni jinkorporaw l-istrutturi li għadu kif intlaħaq qbil dwarhom u jiffukaw fuq it-twassil ta' benefiċċji reali fin-Network Ewropew minnufih.

Fl-aħħar nett, nixtiequ ntennu l-fehma tagħna li din l-adozzjoni ma għandhiex tkun it-tmiem tad-diskussjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew. Minħabba l-isfidi tal-kapaċità li qed jiffaċċa n-network u l-kwistjonijiet ambjentali li lkoll għandna quddiemna, ninsabu lesti li naħdmu mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mas-settur kollu kemm hu biex niżviluppaw u nsaħħu l-qafas regolatorju Ewropew għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-awtonomija istituzzjonali tal-Kummissjoni fir-rigward tas-Segretarjat li jappoġġa l-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni

Il-Kummissjoni se tipprovdi lis-Segretarjat tal-PRB (il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni), filwaqt li tqis il-ħtiġijiet indikati mill-PRB sabiex il-PRB ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv kif stabbilit mir-Regolament. Il-Kummissjoni se tiżgura li s-Segretarjat għandu biżżejjed riżorsi biex iwettaq dawn il-kompiti. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ il-ħtieġa li l-PRB jaħdem b'mod indipendenti. Ir-rekwiżit li s-Segretarjat jipprovdi l-appoġġ tiegħu lill-PRB mingħajr ma jieħu l-ebda direttiva ħlief mill-PRB biex ikun jista' jissodisfa r-rwol tiegħu għall-finijiet tat-tħejjija tal-kontenut u tal-orjentazzjoni tal-opinjoni, ir-rakkomandazzjoni, ir-rapporti, u l-materjal ta' gwida tal-PRB, irid jinftiehem bħala korollarju ta' dan il-qafas ta' indipendenza. Għalhekk, l-istruttura tas-Segretarjat ma tistax tindaħal fuq il-prinċipji tal-awtonomija organizzattiva u tal-indipendenza tal-Kummissjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-finanzjament tar-riżorsi umani għall-Ajru Uniku Ewropew u l-post tas-Segretarjat għall-Analiżi tal-Prestazzjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li l-ftehim finali milħuq mill-koleġislaturi dwar il-Proposta emendata għal Regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew immodifika b'mod sinifikanti l-attribuzzjoni tal-kompiti tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u tal-Kummissjoni, kif ukoll il-governanza għall-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni. Il-kompiti tal-Kummissjoni huma aktar estensivi meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni peress li hija l-Kummissjoni (u mhux il-PRB stabbilit f'Aġenzija) li hi inkarigata mid-deċiżjonijiet kollha u tiddependi fuq il-parir tal-Bord tal-Analiżi tal-Prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jkollha tipprovdi Segretarjat lill-Bord tal-Analiżi tal-Prestazzjoni u lill-Bord tal-Kooperazzjoni tal-NSA. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tirrikjedi ammont sinifikanti ta' persunal u riżorsi.

Ir-riżorsi umani meħtieġa mill-ftehim finali approvat mill-koleġislaturi mhux se jippermettu li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' persunal stabbli u se jirrikjedu riżorsi addizzjonali, li għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali flimkien mal-appropriazzjonijiet baġitarji relatati.

Mingħajr ebda mezz addizzjonali, l-għażliet biex jiġu ffinanzjati l-kostijiet amministrattivi meħtieġa għall-persunal tas-Segretarjat tal-Analiżi tal-Prestazzjoni ma jistgħux jinstabu. L-intestatura 7 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 inbniet fuq il-prinċipju ta' persunal stabbli, u ma hemm l-ebda marġni biex jiġu ffinanzjati uffiċjali u persunal estern addizzjonali. Il-Kummissjoni se tiskjera mill-ġdid internament l-uffiċjali meħtieġa għal din l-inizjattiva. Madankollu, għall-persunal addizzjonali meħtieġ, il-linja baġitarja ġdida jkollha tinholq taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex tiffinanzjahom lil hinn mil-limitu tal-prinċipju ta' persunal stabbli.

Il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi ftehimiet mal-Eurocontrol u l-EASA għal programm ta' sekondar regolari ta' persunal mas-Segretarjat. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se ttipprova tistabbilixxi arranġamenti xierqa mal-Eurocontrol għall-ġhoti ta' informazzjoni rilevanti.